MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru 83/2005

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Alfred Xuereb, iben Carmelo,
imwieled San Ġiljan fis-7 ta' jannar, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-12 ta' jannar, 2005, fil-Belt, Valletta –
a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew
b. għamel użu, xjentement, ta' marka, sinja, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej

dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq;
u cioe' films fuq DVDs tal-kumpanija Bronks Productions;
2. talli fl-istess data u lok, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanża, għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja ta' l-awtorita' kompetenti , meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita' kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi;
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
5. talli kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta meta kkometta reat ieħor wara li ngħata sentenza fejn ġie liberat taħt il-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' ġunju, 2003.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skoknd l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-12 ta' jannar, 2005 persuna mqabbda minn wieħed mid-diretturi ta' Bronks Productions Limited marret is-suq tal-Belt, Valletta biex tixtri DVDs ta' din il-kumpanija li setgħu kienu foloz. Din il-persuna marret hemmhekk fuq informazzjoni li kienet waslet lill-kumpanija.

Illi din il-persuna marret fuq il-post fejn kien ibiegħ l-imputat u minn hemm xtara DVD ta' produzzjoni popolari lokali li hi prodotta mill-kumpanija hawn fuq indikata. Illi hu ħallas ħames liri maltin (Lm5) għal dan id-DVD iżda kif din il-persuna qalet lill-imputat li dan ma kienx oriġinali, l-imputat ħa d-DVD lura u tah il-Lm5 lura.

Illi ftit wara l-pulzija marret fuq it-tilar ta' l-imputat u ma sabet ebda traċċja ta' xi materjal kontrafatt. L-imputat irilaxxa stqarrija lill-pulizija iżda hu ċaħad li hu qatt biegħ dan it-tip ta' DVD.

Illi ebda DVD ma ġie eżebit fl-atti ta' din il-kawża u għalhekk ma tistax tasal għal konkluzjoni li dak id-DVD kien falz. Kieku l-persuna li xtrat dak id-DVD kienet wieħed mid-direttur tal-kumpanija, impjegat tagħha jew il-persuna li pproduċjiet dan id-DVD il-konkluzjoni kienet tkun differenti. Il-persuna li xtrat dan id-DVD ma kellu ebda kompetenza f'din il-materja u għalhekk l-eżebizzjoni ta' dan l-oġġett fil-Qorti hi vitali biex tista' tasal għal konkluzjoni li dan id-DVD kien falz, anki jekk ma ġie materjalment eżebit.

Illi minħabba dan il-fatt il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex jipprova l-każ tagħha.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------